MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 305/2008

Kawza fil-lista: 44

**A B f' isimha proprju**
**u ghan-nom ta' binha minuri C**
**vs**
**D E, Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici, inter alia, ippremettiet li hija kellha relazzjoni mal-konvenut E D, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel C fit-12 ta' April 2006 li fuq l-Att tat-Twelid tieghu [nru. 1210/06] [1]gie registrat bhala iben missier mhux maghruf; u ghalhekk talbet li l-

[1] Vol.1 – fol.47

istess konvenut jigi dikjarat bhala l-missier naturali ta' l-imsemmi tifel, u ssir il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-imsemmi Att tat-Twelid;

Rat ir-risposta guramentata in propozitu li biha l-konvenut E D ammetta li hu l-missier tat-tarbija, izda jghid li m' ghandux ibati spejjez peress li hu dejjem "wera bic-car li jrid jirrikonoxxi l-minuri"[2];

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti l-ohra u li tinsab a fols.148 u 149 tal-process;

Rat ir-rapport[3] xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar minnhom debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghat-talbiet attrici relattivi ghall-paternita' tat-tifel C li twieled fit-12 ta' April 2006.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut kienu bdew relazzjoni fil-25 ta' Dicembru 2005, meta allura hi kellha 16-il sena u l-konvenut kellu 17-il sena. Matul din ir-relazzjoni huma kellhom relazzjonijiet intimi f' diversi okkazzjonijiet, bir-rizultat li l-attrici harget tqila, u fit-12 ta' April 2006 twieled it-tifel C li gie registrat bhala bin 'missier mhux maghruf' nonostante li l-paternita' tieghu sa dak iz-zmien kienet giet accettata miz-zewg partijiet. Jidher li ftit wara t-twelid tat-tarbija il-partijiet tterminaw defenittivament ir-relazzjoni bejniethom, u kien f' dan l-istadju li bdew jirriskontraw problemi dwar l-access u l-

[2] Vol.1 fol.140
[3] Vol.2 – fols.266 *et seq.*

manteniment tal-minuri, u wkoll il-konvenut ried jaccerta ruhhu li t-tifel kien verament il-wild naturali tieghu.

Illi konsegwentement saru t-testijiet tad-DNA u mir-rapport datat 21 ta' Novembru 2007 prezentat mill-analisti, jinsab konfermat li t-tifel C huwa verament il-wild naturali tal-konvenut E D.

**Konkluzjoni**

Dan premess u kkunsidrat, dawn it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha. Jinghad ukoll li fiz-zmien tar-registrazzjoni tat-twelid tat-tfal hadd mill-partijiet ma kellu, jew wera xi dubju dwar il-paternita' tieghu. B' dana kollu, gie registrat bhala wild ta' missier "mhux maghruf", u sa dak iz-zmien ma jirrizultax li kien hemm oggezzjoni da parti tal-konvenut E D. Ghalhekk iz-zewg partijiet ghandhom jippartecipaw fl-ispejjez tal-gudizzju odjern.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet [c] u [h] limitatament kif ser jinghad: billi tiddikjara li t-tifel C li twieled fit-12 ta' April 2006 huwa l-wild naturali tal-konvenut E D; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 1210/06.

L-ispejjez ta' dan il-gudizzju jibqghu bla taxxa.

Tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza rigward it-talbiet relativi ghal kura u kustodja, access u manteniment tal-minuri.

Tordna wkoll li l-attrici, fi zmien ghaxart ijiem, b' nota ta' faccata wahda, notifikata [jew vistata] lill-kontro parti, tirristruttura t-talbiet taghha li ghandhom jigu enumerati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------